**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 10**

30 ta' Ottubru 2019

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

SKUŻAT:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 10.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

10.1.1. Is-Sindku DSH ressqet ittra ta' apoloġija tal-Viċi Sindku GD li nfurmat li ma setgħetx tattendi minħabba li kienet tinsab ma tiflaħx. Il-Kunsill laqa' l-ittra t'apoloġija.

**<u>Nota: 17:05 Il-Kunsillier JAE talab li tiġi offruta minuta silenzju biex titfakkar il-memorja tas-Sur Charles Zammit Moore, persuna li ħadmet qatigħ għal-lokalita tal-Floriana. Wara l-minuta silenzju, is-Sindku, f'isem il-Kunsill, tat il-kondoljanzi lill-familjari tas-Sur Zammit Moore u raddet ħajr għax-xogħol kollu li għamel matul ħajtu.</u>**

**<u>17:08 Il-Kunsilliera JP attendiet għal-laqgħa.</u>**

### 10.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

10.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tmien (08) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

10.2.2. Il-Kunsillier VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (VB, JAE, DSH, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

10.2.3. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-disa' (09) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

10.2.4. Il-Kunsilliera JP ressqet mozzjoni issekondata mill-Kunsillier VB favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (JP, VB, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (JAE)

10.2.5. Il-Kunsillier JAE talab li jastjeni peress li ma kienx preżenti għal din il-laqgħa.

10.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 8.5.4 u staqsa kienx hemm xi żvilupp dwar id-drenaġġ li kien qed joħroġ mis-subway. Is-Sindku qalet li kienu qed jaħdmu fuqha. Hija qalet li jidher li d-drenaġġ kien ġej minn xi ħanut jew residenza fit-triq u kienet qed issir ħidma mad-Dipartiment tad-Drenaġġ biex jiġi identifikat minn fejn kienet ġejja l-problema.

## 10.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

10.3.1. Is-Sindku DSH qalet li kienet intalbet laqgħa mal-Onor. Ministru Dr Owen Bonnici u mal-Onor. Segretarju Parlamentari Silvio Parnis hekk kif diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill. Hija qalet li l-Kunsill kien irċieva appuntament għal nhar is-7 ta' Novembru 2019 fil-11am sabiex jiltaqa' maċ-Chief of Staff rispettivi tagħhom. Hija qalet li għal din il-laqgħa il-Kunsill kien stieden ukoll lill-Avukat tiegħu sabiex ikun jista' jagħti parir legali fejn ikun meħtieġ.

## 10.4 RAPPORTI

10.4.1. Il-Kunsillier VB informa lill-Kunsill li kienu bdew il-laqgħat relatati mas-saħħa fid-Dar tal-Kunsill bl-ewwel laqgħa tinżamm nhar it-Tlieta 29 t'Ottubru 2019. Huwa kompla billi qal li ser tibda' ssir laqgħa kull nhar ta' Tlieta. Il-Kunsillier JAE qal li qed jaġġorna kull ġimgħa il-paġna ta' Facebook bil-laqgħa li jkun imiss. Il-Kunsillier VB qal li hu kien informa wkoll lill-Arċipriet sabiex javża b'dawn il-laqgħat fl-avviżi matul il-quddies.

10.4.2. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-President's Fun Run kienet ser issir nhar l-24 ta' Novembru 2019. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 10.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

10.5.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għas-sinjali tat-traffiku li kienu nħarqu fi Triq San Tumas mal-ħruq tal-ark. Huwa staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp u s-SE wieġbet li kienet bagħtet tfakkira u għandha terġa tibgħat tfakkira oħra dwar dan.

10.5.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar it-tabelli tal-qniefed li kienu ġew ordnati. Is-SE wieġbet li dawn kienu waslu u ser jitwaħħlu dalwaqt.

10.5.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal ilment li kellu dwar xogħol li kien qed isir fi Triq l-Isqof Mauro Caruana fejn kellu rapport li f'waqtiet il-permess kien qisu qed jitneħħa. Huwa talab li l-istaff jinforma lill-applikanti li jiġu għall-permess li tali permess irid ikun esibit f'post prominenti għall-informazzjoni ta' nies oħra. Is-SE informat li f'każijiet bħal dawn, ir-residenti jistgħu iċemplu lill-Kunsill u jistaqsu jekk hemmx permess validu għax-xogħol li jkun qed isir.

10.5.4. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għall-isleeping policeman fi Triq San Publju u staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qalet li dawn kienu ġew ordnati u kienu ser jaslu fil-jiem li ġejjin.

## 10.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

10.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 10.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

10.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 05/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

10.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Kunsillier VB, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

10.7.2. Is-Sindku DSH ippreżentat lista ta’ pagamenti ta’ petty cash li nħarġu matul ix-xahar ta’ Ġunju, li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

10.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet indikati fil-lista ta’ petty cash imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

10.7.3. Is-Sindku nformat li kienet inżammet laqgħa mal-kuntrattur tat-tiżjin tad-dawl tal-Milied u qalet li kien hemm bżonn li jinħareġ pagament ta’ €60 lill-Enemalta sabiex ikun jista’ japplika għas-submeter tad-dawl. Il-Kunsill approva dan il-pagament u qabel li għandu joħroġ b’urġenza.

10.7.4. Is-SE għamlet riferenza għall-iskema ta’ Clean Up Day u qalet li l-Kunsill kien innota li ġie rimborsat darbtejn għall-ispejjeż tiegħu. Hija qalet li għalhekk kien hemm bżonn li pagament minnhom ta’ €179.99 jiġi rimborsat lura permezz ta’ ċekk. Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ ċekk li jkopri l-pagament doppju appena dan jiġi depożitat fil-bank.

## 10.8 Mozzjonijiet

10.8.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

## 10.9 Offerti

10.9.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għas-sejħa għall-offerti tal-electrical works. Is-Sindku qalet li t-tender kien ġie aġġudikat u kien qed jiġi proċessat.

10.9.2. Is-SE qalet li kienet inżammet laqgħa on site bejn il-Perit u l-Inġinier tal-Kunsill. Hija ressqet kwotazzjoni mingħand l-Inġinier għax-xogħol li hemm bżonn li jsir min-naħa tiegħu. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni b’eċċezzjoni tal-kwotazzjoni għal evalwazzjoni teknika li kienet diġa saret minn espert ieħor.

10.9.3. Is-Sindku ressqet żewġ kwotazzjonijiet għall-bankijiet għal persuni b’diżabilità bl-irħas waħda tkun ta’ €535.72 kull bank. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni u qabel li għandu jordna żewġ bankijiet sabiex jitwaħħlu fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u fi Ġnien Preziosi.

10.9.4. Is-Sindku għamlet riferenza għaċ-ċirkolari maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u qalet li kienet intalbet kwotazzjoni sabiex tiġi aġġornata s-sistema skont l-ispeċifikazzjonijiet maħruġa mid-Dipartiment. Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni u qabel li għandu jistaqsi lid-Dipartiment jekk hemmx bżonn li jiġi nstallat il-Facebook Live u f’dak il-

każ jitlob direttiva mingħandhom rigward il-kummenti li jitilgħu matul il-live streaming tal-laqgħa.

10.9.5. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Group 4 fejn informaw li kien wasal biex jiskadi l-ftehim għas-servizz ta' ġbir ta' flus. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jġedded dan is-servizz għall-perjodu ieħor ta' sena.

10.9.6. Is-Sindku għamlet riferenza għall-abbozz tas-sejħa għall-offerti għal Contracts manager u qalet li fl-abbozz kienet qed tiġi mitluba kwalifika ta' MQF Livell 5 bħala waħda mir-rekwiżiti. Wara li ddiskuta dan, il-Kunsill qabel li din it-talba għandha titneħħa u li jiġi aġġornat l-abbozz f'dan is-sens.

10.9.7. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-kuntrattur tal-gabbana taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V li ressaq proposta sabiex issir estensjoni mal-gabbana. Il-Kunsill qabel li għandha tinżamm laqgħa bejn il-Kunsill u l-Perit tal-Kunsill u l-kuntrattur u l-Perit tiegħu qabel ma tiġi diskussa tali proposta.

10.9.8. Is-Sindku għamlet riferenza għas-sejħa għall-offerti tal-Urban Greening u informat li l-għada kienu ser jaslu l-planters u x-xtieli li ser jitpoġġew fi Pjazza Papa Ġwanni XXIII. Il-Kunsill innota dan. Is-Sindku kompliet billi qalet li kien hemm bżonn li jiġu ordnati tnax-il pot oħra li ma kienux inklużi fis-sejħa għall-offerti oriġinali. Hija spjegat li din l-ordni setgħet issir permezz ta' varjazzjoni (jekk il-prezz ma jaqbiżx it-30% tat-total) fuq is-sejħa għall-offerti jew inkella permezz ta' direct order. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob kwotazzjonijiet għal pots tal-konkos tondi ta' kulur abjad u jmur għall-akbar u l-orħos. Dan wara li tkun ingħata l-awtorizzazzjoni mill-MSDEC a bażi ta' Memorandum of Understanding iffirmat bejn il-partijiet fid-9 ta' Mejju 2019 filwaqt li tintalab estensjoni għat-twettiq ta' dan il-proġett.

## 10.10 KORRISPONDENZA

### 10.10.1. EUROPEAN WEEK FOR WASTE REDUCTION

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-korrispondenza mibgħuta mill-Wasteserv u qalet li kienet pruvat tikkuntattja lill-persuna responabbli mill-water points iżda ma kienx taha feedback. Hija qalet li l-iskema kienet tagħlaq għada u għalhekk ma kienx hemm wisq x'jista' jsir.

### 10.10.2. PERFORMANCE REPORT TA' IMPJEGAT TAĦT IL-COMMUNITY WORKERS SCHEME

Is-Sindku DSH ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-performance report ta' waħda mill-impjegati taħt il-Community Workers Scheme. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti l-massimu tal-performance bonus u cioè €450.

### 10.10.3. ATTIVITÀ ORGANIZZATA MINN LEAP

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Regional Development Agency fejn talbu li l-Kunsill jipprovdilhom numru ta' mwejjed u siġġijiet biex jintużaw għall-attività li kienet ġiet approvata f'laqgħa preċedenti, kif ukoll permess biex jintuża l-futbol grawnd fl-aħħar

tal-attività. Il-Kunsill qabel li jipprovdi l-imwejjed u siġġijiet mitluba minnhom. Fir-rigward tal-użu tal-football pitch, il-Kunsill qabel li m'għandux oġġezzjoni li dan jintuża bil-kundizzjoni li l-Kunsill ma jinżammx responsabbli għal xi ħsara jew inċident in vista tal-istat li l-grawnd jinsab fih.
Is-Sindku ssuġġeriet ukoll li jerġgħu jitwaħħlu tabelli li kienu nqalgħu fejn jiġi speċifikat li min juża l-pitch ikun qed jużah "at his own risk". Il-Kunsillier VB ippropona wkoll li jitwaħħlu tabelli ta' "no smoking". Il-Kunsill qabel. Is-SE proponiet li jsir katnazz max-xatba sabiex ma jkunx hemm aċċess iżda s-Sindku qalet li jekk ikun hemm katnazz, xorta jispiċċaw jidħlu minn x'imkien ieħor.

10.10.4. **Korrispondenza mingħand il-UNHCR**

Is-Sindku qalet li ftit tal-ġimgħat qabel kellha laqgħa ma' rappreżentant tal-UNHCR li matulha tkellmu dwar l-integrazzjoni u xi problemi jsibu l-kunsilli lokali mal-komunità barranija. Hija qalet li kienet issuġġeriet li ssir laqgħa mal-komunità imsemmija sabiex tiġi faċilitata l-komunikazzjoni u jiġu ttrattati ċertu materji. Is-Sindku qalet li l-UNHCR kienet qed jipproponu outreach fil-komunità. Il-Kunsill qabel mal-proposta u qabel li tali laqgħa għandha tinżamm nhar is-27 ta' Novembru 2019 fis-6pm.

10.10.5. **Pigeon Pest Control**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-kuntrattur li nforma lill-Kunsill li ma kienux għadhom qed jinqabdu ħamiem minn ħdejn il-Floriana Health Centre. Huwa ssuġġerixxa li jerġa' jingħata servizz minn ħdejn il-Knisja. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jitlob servizz minn ħdejn il-Knisja.

10.10.6. **Korrispondenza mingħand MCCF – Ponsiettas Campaign**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand MCCF fejn offrew pjanti ta' ponsiettas għall-żmien il-Milied b'riżq il-MCCF. Il-Kunsill qabel li jixtri għaxar pjanti bojod u għaxar pjanti ħomor u jara mal-Arċipriet jekk jixtieqx jissieħeb mal-Kunsill u jordna l-ponsiettas mill-MCCF biex jgħin f'din il-kawża.

10.10.7. **Premju Żagħżugħ tas-sena**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Moviment Kerygma fejn informaw lill-Kunsill bil-Premju Żagħżugħ tas-Sena. Il-Kunsill qabel li għandu jinnomina lis-Sur Jake Muscat filwaqt li l-Kunsillier JAE għandu jgħaddi l-informazzjoni meħtieġa lis-SE.

10.10.8. **Kalendarju t'attivitajiet - MTA**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-MTA fejn iċċirkolaw il-kalendarju tal-attivitajiet li għandhom pjanati ghall-2019/2020. Hija qalet li kienu ser jorganizzaw Christmas Village fiż-żminijiet tal-Milied u kienu qed jitolbu n-no objection tal-Kunsill sabiex jarmaw fil-Biskuttin. Is-Sindku qalet li kienet talbithom jikkunsidraw jagħmlu xi attivitajiet fi Ġnien il-Mall iżda minħabba li kien dejjaq, kien hemm diffikultà x'jista' jsir. Minflok kienu qablu li jarmaw u jiddekoraw il-ġnien. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

Is-Sindku ressqet ukoll dati ta' attivitajiet oħra li kienu ser itellgħu is-sena d-dieħla. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jirriserva d-dati għall-attivitajiet hekk proposti mill-MTA.

10.10.9. **Suġġerimenti Ġenerali**

Is-Sindku ressqet suġġeriment biex fi Triq Vilhena titwaħħal tabella ta' no entry for heavy vehicles minħabba li t-triq kienet dejqa. Il-Kunsill qabel li għandu jordna din it-tabella.

Is-Sindku ressqet suġġeriment ieħor sabiex issir kaxxa fil-Kunsill fejn ir-residenti jkunu jistgħu jitfgħu ir-riċevuti tal-VAT u dawn jittieħdu darba f'xahar id-Dipartiment tal-VAT. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li titwaħħal tabella li l-Kunsill mhux responsabbli għal telf ta' rċevuti u dan biex ma jkunx hemm forom t'abbużi.

Is-Sindku ressqet suġġeriment biex jiċċekknu mit-tul l-ispazji ta' parkeġġ li hemm fin-naħa ta' fuq ta' Triq Vilhena minħabba li kien qed ikun hemm double parking. Il-Kunsill qabel.

## 10.11 Proposta għal estensjoni tal-gabbana taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V

10.11.1. Din il-proposta ġiet diskussa f'materja nru 10.9.7.

## 10.12 Ġenna ta' Ġonna

10.12.1. Is-Sindku DSH fetħet il-materja billi qalet li nnotat li l-attendenza għal din l-edizzjoni tal-attività kienet naqset. Hija qalet li tħoss li kien hemm bżonn li tingħata dehra differenti lil din l-attività. Hija qalet li tħoss li ż-żmien t'Ottubru ma kienx iż-żmien ideali biex joħroġ il-ġenna ta' ġonna li hi l-Floriana minħabba li ma jkunx żmien il-fjuri, eċċ. Hija qalet li kien hemm bżonn ta' innovazzjoni.

10.12.2. Il-Kunsillier JAE qal li għalkemm jaqbel mal-punti msemmija mis-Sindku, hu kellu feedback tajjeb. Minkejja dan hu qal li l-attività bħal qisha xjaħet u ma ġġedditx u li kien hemm bżonn li ssir iktar żagħżugħa.

10.12.3. Is-Sindku qalet li l-Kunsill jista' jikkunsidra li l-attività tibda' ssir filgħaxija minflok filgħodu. Hija qalet li kif inhi kienet twila żżejjed. Il-Kunsillier JAE qabel u qal li fil-fatt wara s-2pm, tonqos ħafna l-konkorrenza. Is-Sindku qalet li jekk tibqa' tiġi organizzata filgħodu m'għandhiex iddum iktar mis-2.30pm.

10.12.4. Is-Sindku qalet li hi tħoss li l-attività għandha tibda' tiġi organizzata wara l-festa, fi żmien ir-Rebbiegħa. Is-SE qalet li tħoss li ħolistikament, il-Kunsill ikun għadu kif organizza l-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat u għalhekk ipproponiet li jekk jinbidel iż-żmien issir lejn l-aħħar ta' Mejju jew il-bidu ta' Ġunju. Il-Kunsillier JAE qal li f'dak iż-żminijiet ikun hemm l-eżamijiet u ħafna mill-familji ma joħorġux.

10.12.5. Is-Sindku qalet li l-Kunsill jista' jikkunsidra wkoll xi show. Il-Kunsillier JAE qal li fl-edizzjoni li għaddiet kienu saru shows li għalkemm ġibdu ammont ta' nies, xorta waħda ma kienx hemm il-konkorrenza mixtieqa.

10.12.6. Is-Sindku proponiet ukoll li l-quddiesa ma tibqax issir fi Ġnien il-Mall iżda tibda' ssir fi Ġnien l-Argotti fejn hemm iktar kwiet u spazju. Fuq dan, il-Kunsill qabel.

10.12.7. Il-Kunsillier JAE qal li hu kien iddiżappuntat li l-fuljett tal-attività ma kienx ġie esibit fuq l-istalls tal-market. Is-Sindku qalet li l-market ma kienx rama' fuq il-Fosos kif mitlub iżda ramgħu fil-Biskuttin. Hija qalet li jekk il-Kunsill jistidinhom is-sena d-dieħla, għandu jiffirma kuntratt mar-rappreżentant tagħhom sabiex jaderixxu mal-kundizzjonijiet.

10.12.8. Is-Sindku ssuġġeriet ukoll li l-vintage bus tagħmel waqfiet iktar frekwenti u dan biex takkomoda iktar nies li jkunu jixtiequ jżuru ċertu postijiet imma mhux bilfors ikollok il-mobbiltà neċessarja.

10.12.9. Is-Sindku qalet li t-treasure hunt kienet ta' suċċess. Hija proponiet li l-Kunsill jaħdem mal-organizzatur li kellu ħafna ideat innovattivi.

10.12.10. Il-Kunsillier VB ġibed l-attenzjoni għall-fatt li jekk issir lejn Mejju, ser ikun hemm tliet attivitajiet wara xulxin – St Patrick's Day, il-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat u Ġenna ta' Ġonna. Is-SE qalet li ser tiċċekkja jekk jistax jinbidel iż-żmien li tiġi organizzata l-attività mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

10.12.11. Minħabba dawn id-diversi ideat, il-Kunsill qabel li għandu jiddiskuti dawn il-proposti u ideat oħra fil-laqgħa li jmiss sabiex ikun jista' jsir titjib fl-edizzjoni li jmiss ta' Ġenna ta' Ġonna.

## 10.13 FESTA LITURĠIKA

10.13.1. Is-Sindku DSH proponiet li l-Kunsill jikkomunika mal-Arċipriet dwar id-data tal-festa liturġika. Hija proponiet li r-riċeviment annwali għandu jsir nhar il-21 ta' Jannar 2020. Il-Kunsill qabel.

10.13.2. Is-Sindku fakkret li jridu jinxtraw żewġ tokens għall-eks kunsillieri, Anthony Grech Sant u Albert Demarco bħala apprezzament għax-xogħol tagħhom fil-leġiżlatura li għaddiet.

## 10.14 ATTIVITAJIET TAL-MILIED

10.14.1. Is-Sindku għamlet riferenza għall-ikla tal-Milied li l-Kunsill ikollu flimkien mal-impjegati kollha tiegħu. Hija proponiet li l-ikla ssir nhar is-17 ta' Diċembru 2019. Il-Kunsill qabel mad-data proposta.

10.14.2. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill kien iltaqa' mal-grupp li organizza l-Christmas Carols is-sena ta' qabel u qalet li l-grupp kien ippropona li jittellgħu attivitajiet nhar it-13 u l-14 ta' Diċembru 2019. Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel tajjeb għal nofs l-ispejjeż tas-sound system, tad-dwal, tat-trasport mill-Floriana sal-Waterfront u ta' xi overtime li jista' jkun hemm ta' xi ħaddiema.

10.14.3. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana FC rigward l-attività tal-ice-skating li ser tiġi organizzata minnhom. Il-Kunsill qabel li għandu jistaqsi lis-Segretarju tad-Dipartiment tal-Artijiet dwar jekk kienx hemm xi żvilupp fuq din il-materja.

## 10.15 Proġett taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V

10.15.1. Is-Sindku informat li l-Kunsill kien ressaq talba uffiċjali lill-Awtorità tal-Ippjanar għal estensjoni fuq il-proġett taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V minħabba l-Urban Improvement Funds. Hija qalet li s'issa kien għad ma kienx hemm risposta.

10.15.2. Is-Sindku qalet li kien għad jonqos li tiġi ppubblikata biss is-sejħa għall-offerti għall-piċċ sintetiku.

10.15.3. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li kienet inżammet laqgħa bejn il-Perit tal-Kunsill u l-kuntrattur tat-trenching. Hija qalet li l-outdoor gym seta' jibda jitwaħħal minħabba li ma kienx ser jiġi affettwat mit-trenching works li kienu se jsiru. Is-Sindku qalet ukoll li l-playing field equipment għandu jiġi ordnat u dan jitwaħħal appena jkun lest it-trenching.

10.15.4. Is-Sindku pproponiet li appena jkun lest il-proġett, isir ftuħ uffiċjali u jiġu mistiedna s-Segretarji Parlamentari. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 10.16 St Patrick's Day

10.16.1. Is-Sindku qalet li fil-laqgħa li għaddiet, kien hemm qbil unanimu li terġa' tittella' l-attività ta' St Patrick's Day. Hija qalet li kienet tkellmet mal-Floriana Ajax li kienu pproponew li minflok kantanti, jinġiebu djs sabiex l-attività tieħu iktar ruħ. Il-Kunsill qabel li għandu jitkellem mal-Pulizija sabiex jara jekk dan ikunx possibbli.

10.16.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-attività għandha tittella' nhar il-15 ta' Marzu 2020.

## 10.17 Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

10.17.1. Is-Sindku ressqet korrispondenza mill-MTA fejn qalu li kienu tkellmu mal-Kumitat Festi Pirotekniċi li urew it-tħassib tagħhom dwar it-toqob li hemm fi Triq Sarria u li jintużaw għall-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Huma pproponew li dawn jiġu rranġati kif propost minnhom. Il-Kunsill qabel li jiġu rranġati hekk kif mitlub.

10.17.2. Is-SE informat lill-Kunsill li r-rebbieħ ta' din l-edizzjoni tal-festival kien għadu ma ġiex għall-pagament minħabba li kien qed jirrifjuta li jipprovdi riċevuta fiskali hekk kif mitlub skont il-liġi. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat email formali fejn jintalab jistipula hux ser jipprovdi r-riċevuta fiskali mitluba biex f'każ li le, allura il-Kunsill jagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex it-tapit isir mit-tieni rebbieħ tal-festival.

## 10.18 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

10.18.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.10pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-Kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 5 ta' Diċembru 2019 fil-5.00pm.

10.18.2. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jżomm laqgħa pubblika nhar id-9 ta' Diċembru 2019 fis-7.00pm kif ukoll laqgħa straordinarja nhar il-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2019 fit-8.30am.

**Konfermati, illum 5 ta' Diċembru 2019**

*firmati*
Davina Sammut Hili
Sindku

*firmati*
M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv